MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru. 674/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Glen Pullicino**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tlieta 21 ta' Ottubru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 674/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Glen Pullicino iben Patrick u Connie (Concetta) nee' Ebejer, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Gunju 1993, residenti Conpat House, Triq Wied il-Ghajn Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' 266 393(M) talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Lulju 2014 2014 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00a.m.) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' San Giljan:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 Kap 9).

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin, hin u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art 338 (dd) Kap 9).

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu ghamlu d-dmijrijiet taghhom (Art 338(ee) Kap 9).

Rat il-kunsens ta′ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix wahda netta izda mhux allarmanti, ic-cirkostanzi tal-kaz u kif ukoll li l-imputat skuza ruhu ta′ l-akkadut.

Din il-Qorti tqis li l-imputat, tenendo wkoll kont ta′ l-eta′ tieghu u l-fatt li l-Qorti semghet li ghadda minn sitwazzjonijiet difficli f′dawn l-ahhar

xhur, ghandu bzonn ghajnuna aktar minn kollox u ghalhekk zgur li piena karcerarja mhix wahda idonea.

F'dan il-kaz ma kienx hemm involuti hlas ta' esperti.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-arikoli 95, 338(dd), 338(ee) u l-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,fuq ammissjoni ssib lill-imputat hat ital-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u tikkundannah ihallas multa ta' tmin mitt euro (€800) liema multa ghandha tithallas fi zmien tlett (3) snin f'pagamenti mensili bl-ewwel pagament irid jithallas mill-ahhar ta' Novembru 2014 u fin-nuqqas ta' hlas il-multa hija konvertibbli fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------